2026/2507

11.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2507

tad-9 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2840 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Flotta Navali tar-Repubblika tal-Kongo fil-qafas tal-Arkitettura ta' Yaoundé

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2840 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Flotta Navali tar-Repubblika tal-Kongo fil-qafas tal-Arkitettura ta' Yaoundé ([1]).

(2) Fit-28 ta' Mejju 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà appoġġa r-riallokazzjoni maħsuba tal-fondi disponibbli fi ħdan il-pilastru tal-miżuri ta' assistenza tal-EPF fl-2026, inkluż iż-żieda ta' EUR 5 000 000 fl-ammont ta' referenza finanzjarja li jitħallas lill-Flotta Navali tar-Repubblika tal-Kongo.

(3) L-għoti ta' parti mill-appoġġ addizzjonali lill-Flotta Navali tar-Repubblika tal-Kongo ser isir wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2840, li teħtieġ estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza rilevanti bi 12-il xahar, mill-5 ta' Novembru 2027 sal-4 ta' Novembru 2028.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2840 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2840 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 48 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 10 000 000.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HARRIS

([1]) ĠU L, 2024/2840, 6.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2840/oj.